# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors Maħluf Numru 25/2017/2 PC**

**Mary Cassar; Ronald Cassar; Edmond Cassar; Antonella Cassar; Angela Vella; Wenzu Cassar; Josephine Cutajar; Georgina Cutajar; John Hili; Joseph Hili; Saviour Attard; Grace Cassar; Carmel Cassar; Tania Portelli; Joe Portelli; Zachary Cassar; John Paul Cassar; Johnnie Cassar; Joseph Grech; Miriam Grech; Franklin Grech; George Farrugia**

***v.***

**Dr. Samuel Azzopardi Sindku, u Miriam Attard, Segretarja Eżekuttiva, it-tnejn f'isem il-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex; u b'digriet tat-22 ta' Novembru 2019 assuma l-atti tal-kawża Josef Schembri, is-Sindku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex, minflok Samuel Azzopardi; u l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex ["il-Kunsill Lokali"] minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-25 ta' Ottubru 2019 li, wara li l-atturi rtiraw it-talbiet fil-meritu iżda mhux dawk dwar l-ispejjeż, ikkundannat lill-Kunsill Lokali

jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża minbarra dawk tal-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, li għandhom jitħallsu mill-atturi.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum huma dawn: l-atturi huma lkoll *fixed hawkers* li kienu jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk / Pjazza Indipendenza, ġewwa r-Rabat, Għawdex. Huma u l-awturi tagħhom qabilhom kienu ilhom jagħmlu hekk għal għexieren ta' snin, dejjem bis-saħħa tal-permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, li kienu jawtorizzawhom sabiex jarmaw fil-pjazza magħrufa bħala *it-Tokk* skont il-kundizzjonijiet hemmhekk speċifikati.

3. Fil-11 ta' Ottubru 2014 l-atturi ġew mgħarrfa illi l-Kunsill Lokali kien qed iħejji għall-pavimentar mill-ġdid tal-pjazza u għalhekk ġew mitluba sabiex mill-20 ta' Ottubru 2014 ma jibqgħux jarmaw hemm. L-atturi kellhom jiġu mgħarrfa "iktar 'il quddiem bil-post tagħkom fi Pjazza Savina darba l-proġett ikun lest".

4. L-atturi kollha – ħlief Ronald Cassar u Josephine Cutajar – ippreżentaw rikors fil-25 ta' Frar 2015 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali biex il-qorti żżomm lill-Kunsill Lokali milli "jimplimenta u jagħti effett lid-deċiżjoni tiegħu illi jittrasferixxi lill-*fixed hawkers* li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk / Pjazza Indipendenza, Victoria, Għawdex għal Pjazza Savina, ukoll fir-Rabat, Għawdex, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jibqgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom illi jawmaw fit-Tokk / Pjazza Indipendenza kif ilhom jagħmlu għal għexieren ta' snin skond il-permessi u liċenzji tagħhom lilhom maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti". Din it-talba ntlaqgħet fit-13 ta' Marzu 2015 u nħareġ mandat

ta' inibizzjoni numru 10/2015 fl-ismijiet Mary Cassar *et v.* Samuel Azzopardi *noe et*.

5. L-atturi jgħidu illi, wara dan, il-Kunsill Lokali beda jwettaq xogħlijiet sabiex "jostakola lill-bejjiegħa tal-monti … milli jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk / Pjazza Indipendenza, Rabat, Għawdex, kif ilhom jagħmlu l-istess rikorrenti għal għexieren ta' snin skond il-permessi u liċenzji lilhom maħruġa mill-Awtoritajiet". Għalhekk b'rikors tat-8 ta' Marzu 2017 talbu lill-qorti sabiex iżżomm lill-Kunsill Lokali milli "bi kwalsiasi mod, u inkluż iżda mhux limitatament bit-twaħħil ta' *bollards* u / jew oġġetti oħra, jostakola lill-bejjiegħa tal-Monti, hawnhekk rikorrenti, milli jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk / Pjazza Indipendenza, Rabat, Għawdex … … …". Din it-talba ntlaqgħet fit-23 ta' Marzu 2017 u nħareġ mandat ta' inibizzjoni numru 5/2017 fl-ismijiet Mary Cassar *et v.* Samuel Azzopardi *noe et*[1].

6. Fis-26 ta' Marzu 2015 l-atturi fetħu kawża[2] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fejn talbu lill-qorti sabiex:

> »1. tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija minn din l-onorabbli qorti fit-13 ta' Marzu 2015 in segwitu għat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 10/2015) fl-ismijiet Mary Cassar *et v.* Samuel Azzopardi *noe et*;
>
> »2. tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014, tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 469A sub-artikolu 1(*b*)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement l-istess deċiżjoni hija nulla u bla effett;
>
> »3. mingħajr preġudizzju, tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014 tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 469A sub-artikolu 1(*b*)(ii) tal-

---

[1] Dawn iż-żewġ mandati, 10/2015 u 5/2017 ġew imħassra mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-22 ta' Ġunju 2017.

[2] Rikors maħluf 13/2015 deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-27 ta' Jannar 2022

Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement l-istess deċizjoni hija nulla u bla effett;

»4. minghajr preġudizzju, tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta Ottubru 2014 tikkostitwixxi teħid ta' proprjetà appartenenti lill-esponenti, u dan bi ksur tad-drittijiet akkordati lill-esponenti *ai termini* tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hekk ukoll tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

»5. tiddikjara illi bl-aġir abużiv u illegali da parti tal-kunsill intimat l-esponenti sofrew id-danni, u dan kemm bi konsegwenza tal-ksur ta' drittijiet fondamentali tagħhom kif imħarsa mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll *ai termini* tal-artikolu 469A sub-inċiż (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»6. tillikwida … d-danni hekk sofferti mill-esponenti.

»7. tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma illi tiġi hekk likwidata min din l-onorabbli qorti *in linea* ta' danni.«

7. Fl-10 t'April 2017 imbagħad l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illl l-qorti:

»1. tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija minn din l-onorabbli qorti fit-23 ta' Marzu 2017 in segwitu għat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 5/2017) fl-ismijiet <u>Mary Cassar *et v.* Samuel Azzopardi *noe et*</u>;

»2. tiddikjara illi l-aġir tal-kunsill intimat fil-konfront tal-esponenti kif hawn fuq premess u kull aġir li bih ir-rikorrenti jistgħu jiġu mċaħħda milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom skond il-permessi / liċenzji tagħhom huwa abużiv u llegali u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet akkordati lill-istess rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hekk ukoll tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

»3. tagħti dawk ir-rimedji kollha illi jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż danni illi għandhom jiġu likwidati fil-konfront tal-esponenti;

»4. tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma illi tiġi hekk likwidata minn din l-onorabbli qorti in linea ta' danni;

»bl-ispejjeż kollha inkluż tal-mandat ta' inibizzjoni … … …«

8. Wara li l-atturi ċedew it-talbiet fuq il-meritu, l-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … tiddikjara li l-ispejjeż tal-konvenut Avukat Ġenerali għandhom ibatuhom l-atturi, filwaqt illi l-kumplament tal-ispejjeż għandhom jissoportuhom il-konvenuti l-oħra *nomine* li istigaw din il-kawża proprju bl-aġir tagħhom.»

9. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Din il-kawża ġiet intavolata in segwitu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li kien jinibixxi lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex, milli jwaħħal *bollards* jew oġġetti oħra fi Pjazza t-Tokk u b'hekk l-atturi, ilkoll bejjigħa tal-monti, ma jkunux jistgħu jarmaw il-prodotti tagħhom għall-bejgħ f'dik il-pjazza. It-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat kienet saret fil-mori tas-smigħ ta' kawża oħra[3] li kienu għamlu wħud mill-atturi f'din il-kawża u oħrajn dwar deċiżjoni tal-Kunsill biex ma jħallix lill-bejjigħa tal-monti jibqgħu jarmaw fil-Pjazza tat-Tokk. Dik il-kawża kienet saret ukoll in segwitu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ieħor kontra l-istess Kunsill. Dawn iż-żewġ mandati kienu nħarġu għax sa dakinhar il-bejjigħa tal-monti kien għad għandhom liċenzja valida biex jarmaw f'din il-pjazza.

»Ġara però illi fil-mori tas-smigħ tal-kawża presenti din il-liċenzja ġiet irtirata u għalhekk l-atturi ħassew li ma kienx għad baqagħlhom skop għalfejn ikomplu jinsistu fuq it-talbiet tagħhom[4] u ċedew il-mertu tal-kawża, filwaqt illi żammew ferm il-kap tal-ispejjeż. Din is-sentenza titratta proprju il-kap tal-ispejjeż.

»Il-konvenut Avukat Ġenerali f'waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu għat-talbiet attriċi f'din il-kawża kien sostna li l-atturi ma segwewx il-proċedura mitluba mill-artikolu 460(1) tal-Kap. 12, u *cioè* l-ħtieġa li, qabel ma ssir kawża kontra l-gvern, kellha ssir id-debita interpellazzjoni. Ma jirriżultax li din l-interpellazzjoni kienet saret kontra l-Avukat Ġenerali qabel ma ġie msejjaħ f'din il-kawża, u għalhekk din l-eċċezzjoni timmerita li tiġi milqugħa, bil-konsegwenza li l-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali in konnessjoni ma' din il-kawża għandhom jiġu ssoportati mill-atturi.

»Min-naħa tiegħu l-konvenuti l-oħra qed jargumentaw li din il-kawża saret inutilment għaliex l-atturi rrepetew l-istess talbiet li kienu għamlu fil-kawża preċedenti (rik. ġur. nru 13/2015) u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir kawża oħra in segwitu għall-ħruġ tat-tieni mandat ta' inibizzjoni. Madankollu eżami akkurat taż-żewġ rikorsi ġuramentati jagħti stampa differenti minn kif qed jipprovaw ipinġuha dawn il-konvenuti.

»Jibda biex jingħad li fil-kawża presenti hemm atturi li ma kinux involuti fl-ewwel kawża. Hemm ukoll konvenut, l-Avukat Ġenerali, li ma kienx imdaħħal fl-ewwel kawża. Imbagħad il-premessi u t-talbiet fiż-żewġ kawżi huma pjuttost differenti wkoll. Permezz tal-ewwel kawża l-atturi kienu qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokatli tar-Rabat li ma jippermettix lill-bejjigħa tal-monti jkomplu jarmaw fi Pjazza it-Tokk fl-istess ħin li dawn il-bejjiegħa kellhom liċenzja valida mid-Dipartiment tal-Kummerċ biex jarmaw f'din il-pjazza. Konsegwentement talbu li tali deċiżjoni tiġi dikjarata nulla a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, kif ukoll dikjarazzjoni li l-istess deċiżjoni kienet tikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ħaġa li però din il-qorti mhix kompetenti tagħmel). Min-naħa l-oħra bil-kawża presenti l-atturi kienu qegħdin joġġezzjonaw għat-tentattivi tal-kunsill li, minkejja li kien ġà ġie miżmum permezz ta' mandat ta' inibizzjoni milli jimplimenta d-deċiżjoni tiegħu li ma jħallix il-bejjigħa tal-monti milli jkomplu jarmaw fi Pjazza t-Tokk, xorta waħda pprova jiħaq l-għan tiegħu bit-tqegħid ta' *bollards* u oġġetti oħra li jostakolaw l-aċċess fiżiku tagħhom għall-istess pjazza.

---

[3] Rikors maħluf nru 13/2015

[4] Ara para. 14 *et seqq. infra.*

»Ma jirriżultax għalhekk li din il-kawża saret kappriċċożament, u l-fatt li ġiet irtirata m'għandux jirrifletti ħażin fuq l-atturi, għar-raġuni li din id-deċiżjoni ttieħdet biss wara li fil-mori tas-smigħ tal-kawża ġraw affarijiet li l-atturi ma seta' kellhom ebda kontroll fuqhom, u *cioè* l-irtirar tal-liċenzji validi li kellhom biex jarmaw bil-monti fi Pjazza t-Tokk, deċiżjoni li ttieħdet uni-lateralment mid-Dipartiment tal-Kummerċ.«

10. Il-Kunsill Lokali appella b'rikors tat-12 ta' Novembru, 2019 li għalih wieġbu l-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, fit-3 ta' Diċembru 2019 u l-atturi fl-10 ta' Diċembru 2019. Ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali; dik il-parti tas-sentenza appellata għalhekk illum hija finali.

11. Nibdew bit-tieni aggravju tal-appell tal-Kunsill Lokali. F'dan l-aggravju l-kunsill igħid illi meta fetħu l-kawża l-atturi kienu jafu diġà illi l-liċenzja tagħhom maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ kienet tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 420/2016 u għalhekk il-kawża saret għalxejn, partikolarment meta tqis illi dik il-liġi kienet ir-raġuni li wasslet lill-atturi biex iċedu l-kawża fil-meritu. Iżid jgħid li din il-kawża kienet sem-pliċement "sdoppjament" tal-kawża l-oħra (rik. nru 13/2015) u għaldaqs-tant saret kappriċċożament. Kompla fisser l-aggravju hekk:

»… … … l-appellant iħossu aggravat mill-fatt illi l-ewwel onorabbli qorti ddikjarat li ma "jirriżultax għalhekk li din il-kawża saret kappriċċjożament" mill-atturi.

»… … …

»L-esponenti jissottomettu fil-fatt li fil-fehma tagħhom, l-apprezzament tal-fatti magħmula minnha biex waslet għad-deċiżjoni tagħha li l-kawża ma saritx mill-atturi kapriċċjożament kien żbaljat għall-aħħar. Dan qed jingħad għal diversi raġunijiet:

»Fl-ewwel lok għaliex mid-dokument immarkat Dok. H li huwa kopja tad-digriet mogħti fit-23 ta' Marzu 2017 fl-atti tal-mandat ta' i0nibizzjoni numru 5/2017 jirriżulta illi meta ġie preżentat l-istess rikors promutur l-atturi kienu jafu diġà bl-Avviż Legali 420/2016, liema avviż ma kienx jinkludi Pjazza Indipendenza mal-pjazzez li fihom jista' jintrama' s-suq miftuħ.

»Huma kienu jafu tajjeb li fil-liċenzi li kellhom mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ, hemm miktub ċarament li "Din il-liċenza … qiegħda tiġi maħruġa bla preġudizzju għal-liġijiet ta' Malta".

»Minkejja li l-atturi kienu jafu kemm b'din il-premessa u kemm bit-tibdil fil-liġi huma xorta waħda għażlu li jippreżentaw kawża ġdida.

»Għalhekk, għalkemm huwa minnu li fil-mori tal-kawża ġew irtirati l-liċenzji mid-Dipartiment tal-Kummerċ, l-atturi ma jistgħux jgħidu li ma kinux jafu li l-liċenzji li kellhom f'idejhom kienu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi u li għalhekk huma ma kellhom l-ebda dritt jarmaw fl-istess Pjazza Indipendenza. Dan juri bl-aktar mod ċar li l-kawża odjerna saret kappriċċjożament.

»*Inoltre*, fit-tieni lok huwa sottomess li jirriżulta ukoll li din il-kawża saret kappriċċjożament meta wieħed jikkonsidra li bejn il-partijiet hemm pendenti kawża fl-istess ismijiet (rikors ġuramentat numru 13/2015) dwar l-istess meritu u l-istess talbiet quddiem din l-onorabbli qorti. Għalhekk din il-kawża kienet sempliċement sdoppjament tal-proċeduri fuq l-istess mertu.

»Il-mandat ta' inibizzjoni numru 5/2017 seta' faċilment ġie allaċċjat mal-kawża numru 13/2015, li kienet għadha pendenti, *stante* li fih ir-rikorrenti kienu qed jagħmlu referenza għall-mandat numru 10/2015 li in segwitu tiegħu saret il-kawża numru 13/2015 li kienet għadha pendenti. Li kieku allaċċjawh mal-kawża li kienet ġà pendenti, l-interessi tagħhom xorta kienu se jiġu salvagwardjati, u ma kienx ikun hemm bżonn li ssir din il-kawża odjerna addizzjonali għal dan l-iskop. Għalhekk żgur li l-atturi ma jistgħux jgħidu li kellhom neċessarjament jagħmlu l-kawża biex iżżommu fis-seħħ il-mandat.

»Konsegwentement, jirriżulta li l-ewwel qorti kienet manifestament żbaljata meta kkonkludiet li l-atturi kienu kostretti jipproċedu b'din il-kawża, għaliex dan assolutament ma kienx il-każ.

12. L-atturi wieġbu hekk:

»… … … l-onorabbli qorti fl-ewwel istanza evalwat korrettement u fehmet sewwa ċ-ċirkostanzi illi kienu wasslu lill-imsemmija appellati sabiex jintavolaw il-proċedura odjerna, b'dan illi rrikonoxxiet illi "ma jirriżultax għalhekk li din il-kawża saret kappriċjożament".

»… … …

»Fil-każ odjern ċertament irrikonoxxiet ukoll l-onorabbli qorti fl-ewwel Istanza l-fatt illi l-proċedura odjerna tirrappreżenta azzjoni ulterjuri illi kienu kostretti jieħdu l-esponenti appellati – fl-isfond ta' vertenza illi kienet ilha tipperdura sa mis-sena 2015 – sabiex jipproteġu d-drittijiet tagħhom u l-għejxien tal-familji tagħhom, u hekk waslet għall-konklużjoni ġiusta illi għandu jkun il-kunsill appellant li jħallas l-ispejjeż inkorsi mill-istess appellati fir-rigward.

»Fit-tieni lok u b'referenza għal uħud mid-dikjarazzjonijiet kontenuti fir-rikors tal-appell odjern jiġi bir-rispett rilevat:

»a) illi l-fatt illi l-esponenti appellati kienu ben konxji tal-fatt illi l-Avviż Legali 420/16 kien diġà effettiv meta huma intavolaw it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni (u s-sussegwenti rikors promotur) ma għandu assolutament l-ebda relevanza, Jingħad illi sa dak iż-żmien – u *nonostante* l-promulgazzjoni tal-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja – l-

esponenti appellati kellhom f'idejhom liċenzja valida maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ illi kienet tindika t-Tokk / Pjazza Indipendenza b'mod speċifiku. Dan kif saħansitra rrikonoxxiet l-onorabbli qorti fil-prim Istanza meta għaddiet sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-kunsill appellant permezz tad-digriet tat-23 ta' Marzu 2017;

»b) illi bid-dovut rispett huwa għal kollox assurd illi liċenzja maħruġa minn dipartiment tal-gvern tinħareġ "bla preġudizzju" għal-liġijiet tal-pajjiż illi huma fformulati u proposti mill-istess gvern;

»ċ) illi kwalsiasi żball (jekk hekk kien il-każ) illi seta' twettaq mid-Dipartiment tal-Kummerċ in konnessjoni mal-ħruġ tal-liċenzji f'isem l-appellati għas-sena 2017 – liema liċenzji akkordaw drittijiet lill-istess appellati illi ma setgħux jiġu ġustament u legalment mittiefsa kif filfatt seħħ fit-30 ta' Marzu 2017 – ċertament ma għandhomx iġorruh jew jerfgħu r-responsabbilità għalih l-imsemmija appellati bħala ċittadini. Jiġi osservat fir-rigward illi fir-risposta maħlufa minnu mressqa fil-kawża odjerna l-kunsill appellant ma eċċepiex illi l-liċenzji *de quo* kienu nulli jew invalidi.

»d) illi l-kunsill appellant huwa għal kollox skorrett fejn jippersisti bl-asserzjoni illi l-kawża odjerna hija "sempliċiment sdoppjament tal-proċeduri fuq l-istess mertu". F'dan ir-rigward issir referenza għal dak illi sostniet l-onorabbli qorti fil-prim istanza fis-sentenza datata l-25 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet premessi, *ossia* illi "madanakollu eżami akkurat taż-żewġ rikorsi (13/2015 u 25/2017 tagħti stampa differenti minn kif qed jipprovaw ipinġuha dawn il-konvenuti". L-istess onorabbli qorti rrikonoxxiet illi l-partijiet fil-proċeduri rispettivi ma humiex identiċi u "l-premessi u t-talbiet fiż-żewġ kawżi huma pjuttost differenti wkoll".

»Hija relevanti wkoll f'dan il-kuntest il-kunsiderazzjoni magħmula minn din l-onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet <u>Maria Edwina Spiteri *noe* *vs* John Christopher Martin *et*</u> fejn kien ġie osservat: "Ma teżisti ebda norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f'ċerti każi l-qorti adita tippresta l-ġudizzju tagħha dwar il-kap tal-ispejjeż bil-mod kif il-każ b'konsiderazzjoni maturata jkun hekk koxjenzjożament jiddett-alha".

»Jiġi umilment reiterat illi dan huwa proprju l-eżerċizzju illi twettaq mill-onorabbli Prim Awla[5] fil-każ odjern, u hekk waslet l-istess onorabbli qorti għall-konklużjoni ġusta u fondata kif kontenuta fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2019.

»L-esponenti appellati bir-rispett jissottomettu illi s-suespost għandu jservi bħala konferma illi l-apprezzament illi twettaq mill-onorabbli qorti fil-prim istanza fil-kawża odjerna kien wieħed xieraq u bl-ebda mod ma jissussistu fir-rigward xi raġunijiet – wisq anqas ta' natura gravi – illi għandhom iservu sabiex jiġġustifikaw illi l-istess apprezzament jiġi ddisturbat minn din l-onorabbli Qorti tal-Appell. Għaldaqstant għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar illi dan it-tieni aggrajvu mressaq mill-kunsill appellant ma għandux mis-sewwa u konsegwentement għandu jiġi miċħud minn din l-onorabbli Qorti tal-Appell.«

13. Dan l-aggravju jixraq illi jintlaqa'.

[5] *Recte*, Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Superjuri, Ċivili

14. Fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2018 quddiem l-ewwel qorti l-atturi ippreżentaw nota li biha ċedew it-talbiet ħlief dawk dwar l-ispejjeż[6]. Fis-seduta tat-10 ta' Mejju 2019 l-avukat tal-atturi fissret illi l-atturi ċedew il-kawża fil-meritu għax "fil-mori, bil-mod kif żviluppaw l-affarijiet, bil-mod kif qiegħda l-liġi llum … ma tagħmilx sens aktar illi nkomplu niġġieldu din il-kawża"[7]. Kompliet tgħid hekk:

> »… … … Bil-mod kif żviluppaw l-affarijiet is-sitwazzjoni llum hija ċara; il-liġi hija ċara. Il-kawża l-oħra hija differenti u dika tibqa' għaddejja u sa jiġġilduha sal-aħħar, però fuq din jiġifieri għalxejn ħa nkomplu naħlu l-ħin ta' din il-qorti fuq ħaġa li llum hija ċara.
>
> »Huwa f'dan l-isfond illi r-rikorrenti qed isostnu li meta fetħu l-kawża huma għamluha *in good faith*, kellhom raġun illi jagħmluha u għalhekk m'għandhomx ibatu l-ispejjeż huma f'dan il-proċess.«[8]

15. Dan juri illi l-atturi irtiraw it-talbiet mhux għax id-Dipartiment tal-Kummerċ kien irtiralhom il-liċenzi, kif jingħad fis-sentenza appellata, iżda għax il-liġi ma tippermettix li jsir suq fil-beraħ fi Pjazza Indipendenza.

16. Il-kawża nfetħet mill-atturi fl-10 ta' April 2017, meta l-Avviż Legali numru 420/16 ("L.S. 441.07") li għalih irreferiet l-avukat kien ġà daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017. Fit-Tielet Skeda tal-L.S. 441.07 kienet indikata biss Pjazza Sabina bħala post fejn jista' jsir suq fil-beraħ fir-Rabat, Għawdex, u mhux ukoll it-Tokk jew Pjazza Indipendenza kif kien il-każ qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Avviż Legali. Għalhekk ġà mill-1 ta' Jannar 2017, jew, aħjar, mis-16 ta' Diċembru 2016, meta ġie pubblikat l-Avviż Legali fil-Gażżetta tal-Gvern, u qabel l-10 ta' April 2017, meta fetħu l-kawża, l-atturi kellhom ikunu jafu, mhux li ma jagħmilx sens li "jkomplu" jiġġieldu l-kawża,

---

6 *Fol*. 110

7 *Fol*. 118.

8 *Foll.* 117 *et seq.*

iżda li ma jagħmilx sens li jiftħuha. Fi kliem ieħor, l-istess raġuni li wasslithom iċedu l-kawża fit-8 ta' Ġunju 2018 kienet ġà valida fl-10 ta' April 2017 meta fetħuha: ma kinitx raġuni li seħħet "fil-mori" tal-kawża, u kellha twassalhom biex il-kawża mill-bidunett ma jiftħuhiex għax *ex admissis* ikunu fetħuha għalxejn.

17. Dan huwa biżżejjed biex jintlaqa' l-appell, u ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra.

18. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat u tħassarha fejn ikkundannat lill-Kunsill Lokali jħallas l-ispejjeż l-oħra tal-kawża; tordna, minflok, illi l-ispejjeż kollha tal-kawża, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim'Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr